MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 169/2004

**APS BANK LTD.**

**vs**

**1. KAR WANA COMPANY LTD. (C-21029)**

**2. William Joseph CARUANA (Karta ta' Identita' numru 309942M);**

**3. Carmel sive Charles CAMILLERI (Karta ta' Identita' numru 361666M);**

**4. Edwin Borg (Karta ta' Identita' numru 150764M)**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Marzu, 2004, li bih s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ self fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-ħmistax (15) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija seba’ u disgħin (1997) (Dok. A), il-Bank attur ta’ b’titolu ta’ self lis-soċjeta’ konvenuta Kar Wana Company Limited, is-somma ta’ ħamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

Illi in forza ukoll tal-preċitat att notarili, l-konvenuti l-oħra u ċioe’ Carmel sive Charles Camilleri u Edwin Borg kienu kkostitwew ruħhom bħala garanti solidali ma’ l-imsemmija Kar Wana Company Limited favur is-soċjeta’ attriċi u dana bħala garanzija għal ħlas lura ta’ l-imsemmi self u għal ħlas ta’ l-imgħaxijiet relattivi u dana oltre il-garanzija solidali mogħtija mill-istess żewġ konvenuti fuq il-Guarantee Form – G1 hawn annessa (Dok. B);

Illi l-konvenut l-ieħor William Joseph Caruana kien ukoll ikkostitwixxa ruħu bħala garanti solidali ma’ l-imsemmija Kar Wana Company Limited favur is-soċjeta’ attriċi u dana bħala garanzija għal-ħlas lura ta’ l-imsemmi self u ta’ l-imgħaxxijiet relattivi u dan kif jirriżulta mill-annessi Guarantee Forms – G1 hawn annessa (Dok C u D);

Illi l-bilanċ dovut illum skond l-imsemmija faċilita’ ta’ self jammonta għas-somma ta’ erba’ u sebgħin elf u disa’ u erbgħin Lira Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm74,049.46) dovuta kwantu għas-somma ta’ wieħed u sittin elf, sitt mija, tnejn u tletin Lira Maltin u seba’ u disgħin ċenteżmu (Lm61,632.97) bħala bilanċ ta’ debitu ta’ Loan Account Numru 11795232019 (Dok. E) u kwantu għas-somma ta’ tnax-il elf, erba’ mija u sittax-il Lira Maltin u disa’ u erbgħin ċenteżmu (Lm12416.49) bħala bilanċ ta’ debitu ta’ ‘Interest Disposal Current Account’ numru 11795230039 (Dok. F), oltre l-interessi ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Diċembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi għalhekk il-konvenuti kollha, b’mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjeta’ attriċi tal-imsemmija somma ta’ erba’ u sebgħin elf u disa’ u erbgħin Lira Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm74,049.46) oltre l-interessi ulterjuri

b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi biex iħallsu l-imsemmija somma iżda baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1) Tiddikjara illi l-konvenuti, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' attriċi tas-somma ta' erba' u sebgħin elf u disa' u erbgħin Lira Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm74,049.46) dovuta kwantu għas-somma ta' wieħed u sittin elf, sitt mija tnejn u tletin Lira Maltin u seba' u disgħin ċenteżmu (Lm61,632.97) bħala bilanċ ta' debitu ta' Loan Account Numru 11795232019 (Dok. E) u kwantu għas-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u sittax-il Lira Maltin u disa' u erbgħin ċenteżmu (Lm12,416.49) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 11795230039 (Dok. F) oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

2) Tikkundanna lill-konvenuti, b'mod solidali bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-imsemmija somma ta' erba' u sebgħin elf u disa' u erbgħin Lira Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm74,049.46);

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti "in solidum" inklużi dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid preżentati kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti "in solidum" mill-illum inġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------